MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 103/1990/2

**Raymond Camilleri u martu Grace Camilleri**

**vs**

**Avukat Dr. Michael Grech bhala mandatarju
tal-assenti Margaret mart Pawlu Muscat, u b'digriet
tad-29 ta' Ottubru 1990 l-Avukat Dr. Michael Caruana
gie
nominat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti
Margaret mart
Pawlu Muscat, minflok l-Avukat Dr.Michael Grech, u l-
Avukat Dr. Michael Caruana b'digriet tas-7 ta' Mejju**

**1990 gie nominat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Saviour sive Sam, fin-negozju, u Carmel ahwa Portelli; u b'nota ta' l-4 ta' Novembru 1993 Carmelo Portelli bhala prokuratur ta' l-imsiefer Salvatore Portelli nominat bi prokura generali ta' l-14 ta' Settembru 1993 li biha assuma l-atti ta' l-istess Salvatore Portelli flok il-kuratur Dr. Michael Caruana; u b'digriet tal-15 ta' April 1996 l-atti gew trasfuzi f'isem il-P.L. Joseph Micallef bhala l-mandant ta' l-imsiefer Jennifer De Hoeg, l-eredi ta' Sam Portelli li miet fil-mori ta' l-appell.**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar it-talba tar-ritrattand maghmula quddiem din il-Qorti, diversament komposta, fl-udjenza tal-hdax (11) ta' Marzu 2002 fit-termini segwenti (fol. 87)
"Profs Ian Refalo ghar-ritrattand jitlob li jinghata terminu biex jiddeduci in gudizzju l-pretensjoni tieghu li l-kuntratt kien vizzjat billi frawdolenti permezz ta' l-*actio pauliana*":

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti pprezentati waqt dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni:

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx dubju illi l-kuntratt illi ghalih saret riferenza fil-verbal appena citat huwa dak imsemmi fl-ewwel (1) premessa ta' l-att ta' citazzjoni illi permezz tieghu gew inizjati l-proceduri illi fihom qed tintalab ir-ritrattazzjoni odjerna. Dan il-kuntratt, pubblikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani fit-tnejn (2) ta' April, 1990, jikkostitwixxi l-bazi illi fuqha tistrieh l-azzjoni attrici; kopja ta' dan il-kuntratt giet esibita ma' l-att ta' citazzjoni (Dok. A). Tant huwa hekk illi n-nota ta' sottomissjonijiet tar-ritrattand

ipprezentata fid-dsatax (19) ta' Novembru, 2002 tibda hekk:
"Illi l-esponent qieghed jittenta r-ritrattazzjoni fuq il-bazi tal-qerq. Dan il-qerq huwa ravvizat fis-sens li l-kuntratt ta' trasferiment fuq liema giet mibnija s-sentenza kollha li nghatat minn din l-Onorabbli Qorti hija [sic] rexindibbli minn din il-parti billi affetta minn qerq ghad-dannu taghha, u ghalhekk soggetta ghall-azzjoni pauliana. Inoltre huwa evidenti li s-sentenza bl-ebda mod ma dahlet fil-kwistjoni jekk dak il-kuntratt setax jigi rexiss jew le a bazi ta' tali azzjoni. Dan bl-ebda mod ma kien meritu ta' dik il-kawza, li l-meritu taghha kien l-opponibilita` tad-drittijiet antikretici tal-konvenuti ghall-atturi. Il-Qorti kkonkludiet li dawn ma kienux hekk opponibbli billi fil-kuntratt ta' akkwist ta' l-atturi inghad espressament li l-proprjeta` kienet qeghda tigi trasferita libera mid-drittijiet antikretici li kienu jinkombu fuqha. Hija precizament fix-xjenza ta' dan l-istat ta' fatt li l-esponent jirraviza l-qerq ta' l-atturi u d-dritt tieghu li jesperixxi l-azzjoni pauliana."

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak illi qed jitlob illi jaghmel ir-ritrattand permezz ta' l-imsemmi verbal kellu, jekk qatt, isir qabel ma inghatat is-sentenza illi taghha qed jitlob ir-ritrattazzjoni. Tajjeb illi jinghad, f'dan ir-rigward, illi "l-istat ta' fatt" illi l-istess ritrattand qed jghid illi fih "jirravviza l-qerq ta' l-atturi u d-dritt tieghu li jesperixxi l-azzjoni pauliana", kien a konoxxenza tar-ritrattand sa mill-bidunett tal-proceduri illi qed jittenta illi jirritratta peress illi, kif gia` inghad, il-kuntratt Dok. A gie esibit flimkien ma' l-att tac-citazzjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma ukoll illi r-ritrattand ma avanza ebda raguni valida ghala ma ezercitax l-azzjoni pauliana qabel ma giet emanata dik is-sentenza. Tajjeb illi jinghad ukoll illi xejn ma kien izomm lir-ritrattand illi tintavola l-azzjoni pauliana minghajr ma jitlob il-permess ta' din il-Qorti. Dan tant huwa minnu illi, fir-rikors illi permezz tieghu inbdew dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni, ir-ritrattand jghid hekk:
"...l-esponent sejjer jipproponi azzjoni specifika biex dak il-kuntratt ta' akkwist ta' l-atturi jigi dikjarat li sar bi frodi tad-drittijiet ta' l-esponent u jigi rexiss. Din tigi proposta f'azzjoni separata." (sottolinear ta' din il-Qorti ):

Ghar-ragunijiet imsemmija, t-talba in ezami tar-ritrattand qed tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu;  u peress li din il-kawza kienet diga` precedentement thalliet ghas-sentenza, u l-prolazzjoni tas-sentenza kienet giet sospiza biss minhabba li kien irrizulta li ma kienx ghadu nghata l-provvediment li issa qed jinghata, il-Qorti tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza ghal nhar il-Gimgha, 30 ta' April, 2004 fid-9.00am.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------